

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 895/2008****tat-12 ta' Settembru 2008**

**li jemenda, għat-tlemtax-il darba, ir-Regolament (KE) Nru 1763/2004 li jimponi ċerti miżuri restrittivi biex isostnu l-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tal-Qorti Kriminali Internazzjonali għal dik li qabel kienet il-Jugoslavja (ICTY)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1763/2004 li jimponi ċerti miżuri restrittivi biex isostnu l-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tal-Qorti Kriminali Internazzjonali għal dik li qabel kienet il-Jugoslavja (ICTY) <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(a) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1763/2004 jelenka l-persuni li jaqgħu taħt l-iffriżar ta' fondi u riżorsi finanzjarji skond dak ir-Regolament.
- (2) Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li temenda dak l-Anness, filwaqt li tikkunsidra Deċiżjonijiet tal-Kunsill li jimplimentaw il-Pożizzjoni Komuni 2004/694/PBSK

dwar aktar miżuri b'appoġġ għall-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tal-ICTY <sup>(2)</sup>. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/733/PBSK <sup>(3)</sup> tal-15 ta' Settembru 2008 timplimenta dik il-Pożizzjoni Komuni. L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1763/2004 għandu għaldaqstant jiġi emendat f'dan is-sens,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1763/2004 hu emendat kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 12 ta' Settembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Eneko LANDÁBURU

*Direttur Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 315, 14.10.2004, p. 14.

<sup>(2)</sup> ĠU L 315, 14.10.2004, p. 52.

<sup>(3)</sup> Ara paġna 63 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

## ANNESS

Il-persuna li ġejja għandha titneħħa mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1763/2004:

Karadžić, Radovan. Data tat-twelid: 19.6.1945. Post tat-twelid: Petnjica, Savnik, il-Montenegro, is-Serbia u l-Montenegro. Nazzjonalità: Il-Bożnija u Herzegovina